**17 ta' Ottubru, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

**Il-Pulizija**

***versus***

Joseph Seychell

**Kalunja**

*L-akkuża jew denunzja, għall-finijiet tal-kalunja ma tirrikjedi ebda formalita' partikolari; l-unika ħaġa li hi rikjesta hi li dik l-akkuża jew denunzja issir quddiem awtorita' kompetenti, jiġifieri awtorita' li għandha setgħa li tipproċedi biex tinvestiga u eventwalment tressaq il-Qorti (jew tgħaddi l-każ lil ħaddieħor biex dan eventwalment tressaq il-Qorti) lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkommettiet dak ir-reat.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Joseph Seychell talli fit-22 ta' Diċembru, 1994, ġewwa l-kwartieri ġenerali tal-pulizija fil-Furjana; (1) bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil xi persuni, akkuża lil dawn il-persuni quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kien jaf li dawk il-persuni kienu innoċenti bi ksur ta' l-artikolu 101 (1) tal-Kodiċi Kriminali; (2) bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta' persuna oħra, weġġagħhom bi kliem, b'ġesti, kitba jew b'xi mod ieħor bi ksur ta' l-artikolu 252 (1) tal-Kodiċi Kriminali; (3) inġurja jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' nies inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, bi ksur ta' l-artikolu 95 (1) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali ddatata 30 ta' Jannar, 1995; rat il-kunsens ta' Joseph Seychell irreġistrat fl-udjenza tat-28 ta' Frar, 1995, sabiex il-kawża tiegħu tiġi ttrattata u deċiża bi proċedura sommarja mill-Qorti Inferjuri;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-2 ta' Ottubru, 1996 li biha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Seychell ħati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu ad eċċezzjoni ta' l-imputazzjoni li hebb għall-ispettur Debattista u kkundannatu għall-piena ta' tliet xhur priġunerija bit-tnaqqis taż-żmien ta' l-arrest preventiv;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Seychell minnu pprezentat fl-10 ta' Ottubru, 1996, li bih talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant ser jiġu kkunsidrati *seriatim*. L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu li ma jeżistux l-estremi tar-reat ta' kalunja. Mill-provi jirriżulta li waqt li l-Ispettur Paul Debattista kien qed jinvestiga allegazzjoni ta' dħul u traffikar ta' droga fil-ħabs, hu ħass il-ħtieġa li jagħmel konfront bejn l-appellant u huh. L-appellant oġġezzjona għal dan il-konfront u meta l-Ispettur fissirlu li tali konfront kien fil-fehma tiegħu (ċjoe` ta' l-Ispettur) meħtieġ, l-appellant infexx jgħajjar u jinsulta lill-imsemmi Spettur u anke akkużah li xi żmien qabel hu kien sawtu flimkien ma' l-Ispettur Paul Bond. Din l-akkuża (ċjoe` li l-Ispettur Debattista kien sawtu flimkien ma' l-Ispettur Bond) l-appellant għamilha fil-presenza tas-Surġent 951 Joseph Tonna li kien preżenti fl-uffiċċju ta' l-Ispettur Debattista. L-appellant mhux jikkontesta l-falsita` ta' dik l-akkuża li ovvjament tammonta għall-akkuża ta' reat (del resto ġie ppruvat li l-Ispettur Debattista qatt qabel ma kien iltaqa' ma' l-appellant u anqas biss kien jafu, kif ukoll li l-Ispettur Debattista kemm kien ilu fil-korp tal-pulizija qatt ma investiga każ flimkien ma' l-Ispettur Bond) iżda jissottometti li fil-każ in diżamina "ma kienx hemm la l-aspett materjali tad-denunzja u lanqas l-

*animus*". Din il-Qorti ma taqbilx. L-akkuża jew denunzja għall-finijiet tal-kalunja ma tirrikjedi ebda formalita' partikolari; l-unika ħaġa li hi rikjesta hi li dik l-akkuża jew denunzja ssir quddiem awtorita' kompetenti jiġifieri awtorita' li għandha s-setgħa li tipproċedi biex tinvestiga u eventwalment tressaq il-Qorti (jew tgħaddi l-każ lil ħaddieħor biex dan eventwalment iressaq il-Qorti) lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkommettiet dak ir-reat. Is-Surġent Tonna għalkemm subaltern ta' l-Ispettur għal dak li huwa rank, hu awtorita' kompetenti f'dan is-sens, bħalma huwa anke sempliċi kuntistabbli li għandu l-obbligu li jirrapporta lil uffiċjal superjuri tiegħu allegazzjoni bħal dik magħmula mill-appellant. Din il-Qorti hi sodisfatta ukoll li dak il-ħin li għamel dik l-akkuża l-appellant ried jagħmel ħsara lill-Ispettur Debattista kif ukoll lill-Ispettur Paul Bond ġaladarba huwa kien jaf li dik l-akkuża ta' swat ma kinitx vera;

It-tieni aggravju ta' l-appellant hu li ma tirriżultax il-malafama iżda biss kliem inġurjuż lejn uffiċjal pubbliku waqt il-qadi ta' dmiru. Dana l-aggravju hu wieħed fieragħ. Kliem inġurjuż u malafamanti bħal dak li ntqal mill-appellant u li ġie indirizzat lill-uffiċjal pubbliku *de visu* waqt li dak l-uffiċjal pubbliku jkun qed jagħmel servizz pubbliku jammonta kemm għal malafama kif ukoll għar-reat aktar gravi ta' oltraġġ ikkontemplat fl-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali. F'dan il-każ ma hemmx konkors formali bejn dawn iż-żewġ reati peress li mill-provi jirriżulta li l-appellant indirizza lejn l-Ispettur Debattista, oltre l-kliem malafamanti dwar is-swat, kliem ieħor li hu inġurjuż mingħajr ma hu neċessarjament malafamanti (bħal "pufta", "*bastard*", u "f' ... kemm għandek"). Għalhekk dana l-aggravju qed jiġu ukoll respint;

Kwantu għall-piena li dwarha ukoll jilmenta l-appellant, l-Ewwel Qorti deherilha li kelha tapplika l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, tinżel taħt il-minimu u tikkundanna lill-appellant

għall-piena ta' tliet xhur priġunerija. Din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, tapprezza li l-appellant aġixxa f'mument ta' rabja, iżda dan xorta waħda b'ebda mod ma jiġġustifika dak li għamel. Il-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali huma fl-obbligu li jagħtu l-akbar protezzjoni lill-uffiċjali pubbliċi fil-qadi ta' dmirhom u l-aktar lill-pulizija fil-qadi ta' xogħol ferm diffiċli u ħafna drabi perikoluż tagħhom. Mill-banda l-oħra, fil-każ preżenti, ma jirriżultax li intużat xi vjolenza fiżika jew theddid, f'liema każ din il-Qorti ma kinitx teżita li tinfliġġi piena karċerarja. L-Ispetturi in kwistjoni huma nies ta' stoffa biżżejjed li ma jiġux intimiditi bl-akkużi u bl-insulti bħal dawk li għamlilhom l-appellant. Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li piena pekunjarja hi aktar indikata minn dik karċerarja u dan dejjem bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu, tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu tliet xhur priġunerija bi tnaqqis ta' l-arrest preventiv u minflok dik il-piena tikkundannah multa ta' tliet mitt lira (Lm300) u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. U wara li rat l-artikolu 14 tal-Kodiċi Kriminali, l-Qorti peress li hi sodisfatta li tali multa ma tistax titħallas minnufih, tordna li din titħallas fi żmien ġimgħatejn mil-lum u f'każ li l-appellant jonqos li jħallasha f'dan iż-żmien stabbilit, huwa għandu jidher quddiem din il-Qorti fl-udjenza ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Novembru, 1997 fil-11.00 a.m. biex il-Qorti tipproċedi ulterjorment fil-konfront tiegħu.